MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2015

Numru. 384/2006

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs**

**Marouska Azzopardi**

**(ID 467779(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Marouska Azzopardi ta’ 27 sena, imwielda fid-9 ta’ Awwissu 1979, bint Francis u Pauline mwielda Grech, residenti ‘Farmhouse’, Sqaq tal-Armal, Qormi, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 467779(M);

Akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer fit-22 ta’ Ottubru 2004 u matul l-ahhar erba’ gimghat ta’ qabel din id-data:

a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta, li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Kellha fil-pussess taghha d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta, li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN

292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

c) Bhala persuna li m'hijiex ufficjal tal-habs jew persuna ohra mpjegata fil-habs, minghajr awtorita` legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti mill-konfini tal-Habs oggett (droga) ikun li jkun, li huwa projbit skond xi regolamenti maghmula skond l-Att dwar il-Habs u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami taghha, ai termini tal-Artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputata wiegbet li mhijiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza sa llum, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Fit-22 ta' Ottubru 2004, hekk kif l-imputata dahlet gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex taghmel vizita lill-prigunier Jason Zammit, hija giet imwaqqfa mill-Ufficjali tal-Habs u saritilha *strip search*, waqt liema tfittxija nstab li kellha fil-pussess taghha borza zghira tal-*plastic* trasparenti li fiha kien hemm trab kannella.[1]

Skond ir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud[2], mahtur fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-kaz, fid-dokument moghti lilu ghall-analizi u cioe` fit-trab kannella li kien hemm fil-borza tal-*plastic* trasparenti, f'ammont nett totali ta' 0.653 grammi, instabet fih is-sustanza Herojina. Il-purita` tat-trab ghas-sustanza Herojina kienet ta' cirka 42%. Fix-xhieda tieghu, l-istess Spizjar spjega illi din il-purita` hija normali *at street level.*[3]

L-imputata rrilaxxjat stqarrija fil-jum in kwistjoni u dan wara li nghatat is-solitu twissija illi ma kinitx obbligata li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li taghmel dan, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova.[4] Din l-istqarrija ttiehdet fiz-zmien meta l-istess imputata ma kellhiex id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni taghha, liema dritt dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010. Ghalkemm id-difiza, fl-ebda stadju ma talbet l-isfilz ta' din l-istqarrija, din il-Qorti, in linea mal-gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali, ossia tenut kont tal-eta' tal-imputata meta giet interrogata u ttiehdet l-istqarrija taghha u tenut kont ukoll tal-fedina penali taghha li ghalkemm ma kinitx wahda refrattarja, minnha jirrizulta li din ma kinitx l-ewwel esperjenza ta' interrogatorju ghall-istess imputata, tenut kont ukoll illi mill-istqarrija rilaxxjata minnha jirrizulta illi ghal domanda partikolari hija

[1] Fix-xhieda taghha (a fol. 42 *et seq* tal-process), **WCO 28 Teres Agius** tghid illi fil-jum in kwistjoni, ghall-habta tal-5.30 p.m., waqt li kienet qeghda taghmel *strip search* fuq l-imputata flimkien ma' WCO 1, hija dehrilha li rat xi haga fil-parti taghha u x'hin ix-xhud qaltilha biex tiftah saqajha, dak il-hin stess, waqa' pakkett bi trab ta' lewn kannella car. Ix-xhud qalet illi dak il-hin, l-imputata kienet diehla ghall-vizita gewwa l-habs. Dan gie kkonfermat ukoll fix-xhieda ta' **WCO 1 Karen Grech** (a fol. 21 *et seq* tal-process). **PC 477 Julian Saliba** (a fol. 23 *et seq* tal-process) ikkonferma wkoll illi fil-jum in kwistjoni, hekk kif saret tfittxija fuq l-imputata minn WCO 1 u WCO 28, huma nfurmawh li kienu sabu pakkett b'sustanza suspettata droga. Huwa nforma b'dan lis-superjuri tieghu u marru pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga fuq il-post.

[2] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 41 tal-process.

[3] Ara xhieda a fol. 38 *et seq* tal-process.

[4] A fol. 18.

ghazlet li ma twegibx u ghalhekk jidher illi hija fehmet sew it-twissija moghtija lilha qabel l-istess interrogatorju, tqis l-istess stqarrija bhala prova ammissibbli.

Fl-istqarrija taghha, l-imputata qalet illi hija ma tahdimx u mistoqsija kif taf lil Jason Zammit maghruf bhala l-Pajsu, hija qalet illi xi sentejn u nofs qabel, hija kienet tohrog mieghu u meta dahal il-habs, hija baqghet izzuru. Dakinhar kellha vista mal-istess Zammit fil-5.00 p.m. Mistoqsija dwar il-pakkett bl-eroina li nstab fil-pussess taghha waqt it-tfittxija li saritilha, l-imputata qalet illi dakinhar ghall-habta tal-4.40 p.m. certu Christopher Schembri li hija kienet taf li ghandu huh il-habs u cioe` David maghruf bhala il-Gabaj tal-Gzira, cemplilha biex jiltaqghu hdejn il-habs, ghalkemm ma qalilhiex ir-raguni ghal dan. Meta waslet, Christopher mar fuqha u taha l-*ismack* li kien hemm fil-borza u qalilha biex taghtiha lil Jason. Ma kinitx taf jekk Jason kienx ser jaqsamha ma' hu Christopher. Qalet illi din kienet l-ewwel darba li Christopher talabha biex iddahhal is-*smack* fil-habs u li Christopher ma talabhiex flus ghad-droga. L-imputata qalet li hija ma kellhiex il-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tinnota illi fl-istqarrija taghha, l-imputata tghid li hija kienet lesta li tikkonferma din l-istqarrija bil-gurament u anke l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Norbert Ciappara fix-xhieda tieghu[5] jghid illi l-istess imputata kkonfermat ix-xhieda taghha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Madankollu, ghalkemm fl-atti giet esebita vera kopja tal-process verbal dwar is-sejba tas-sustanza eroina fuq il-persuna tal-imputata, f'liema process verbal hemm ukoll talba tal-Ispettur Norbert Ciappara lill-Magistrat Inkwirenti sabiex tinstema' x-xhieda guramentata ta' l-istess imputata ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, din ix-xhieda mhijiex esebita fl-atti tal-istess process verbal u lanqas ma hija esebita fl-atti ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti tinnota wkoll illi ghalkemm l-Ufficjal Prosekutur talab lill-Qorti sabiex issir kopja tat-*telephone recordings* esebiti fil-proceduri fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Norbert Schembri et biex dawn jigu pprezentati f'dawn il-proceduri u ghalkemm il-Qorti laqghet din it-talba u anke hatret lil David Scicluna sabiex jaghmel kopja ta' dawn ir-registrazzjonijiet, fil-waqt li jaghmel

[5] A fol. 16 *et seq* tal-process.

kopja wkoll ghad-difiza[6], jidher mill-atti illi meta l-istess David Scicluna espleta l-inkarigu tieghu[7] huwa pprezenta kopja tas-CD kontenenti r-registrazzjonijiet, flimkien mas-CD originali li huwa rtira mill-*istores* tal-esebiti. Mill-verbal tas-seduta tad-9 ta' Jannar 2013 jirrizulta illi David Scicluna, seduta stante, ghadda kopja tas-CD imsemmi lill-avukat difensur. Madankollu, fl-atti ma thallietx kopja tas-CD in kwistjoni.

Il-Qorti tirrileva wkoll illi ghalkemm fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Norbert Ciappara[8] jghid illi l-imputata qaltlu li din ma kinitx l-ewwel darba li kienet ghamlet din il-bicca xoghol ghaliex kienet giet imqabbda sabiex taghmel dan minn Christopher Azzopardi (x'aktarx Schembri), ma jirrizultax minn din ix-xhieda f'liema stadju ntqal dan id-diskors mill-imputata lill-Ufficjal Investigatur ossia jekk hux qabel hija nghatat it-twissija skond il-ligi jew wara u ghaldaqstant, il-Qorti m'hijiex ser tiehu konjizzjoni ta' din il-parti tax-xhieda tal-Ufficjal Investigatur.

**Ikkunsidrat ulterjoment:**

Fl-ewwel lok, m'hemmx dubju mill-provi prodotti illi fil-jum in kwistjoni, l-imputata dahhlet id-droga eroina gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Jirrizulta car mix-xhieda ta' WCO 1 u WCO 28 illi minn *strip search* li saret fuq l-istess imputata qabel ma pprocediet biex taghmel vizita lil Jason Zammit, instabet borza tal-*plastic* li kienet tikkontjeni trab ta' lewn kannella, liema trab skond ir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud kien fih id-droga eroina.

Ghaldaqstant, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi it-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputata.

---

[6] Ara l-verbal a fol. 73 tal-process.
[7] Ara r-rapport esebit minnu a fol. 81 *et seq* tal-process.
[8] Ara a fol. 17 tal-process.

Fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, ossia dik ta' traffikar u tal-pussess aggravat tad-droga eroina, jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputata illi dakinhar tat-22 ta' Ottubru 2004, hija kienet ser taghmel vizita lil Jason Zammit gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fil-5.00 p.m. u ftit qabel ghall-habta tal-4.40 p.m., cemplilha certu Christopher sabiex tiltaqa' mieghu hdejn il-habs. Meta waslet, dan Christopher mar fuqha, ghaddielha l-borza bl-eroina (li sussegwentement instabet fil-pussess taghha) u qalilha biex taghtiha lil Jason. Hija tghid ukoll illi ma tafx jekk Jason kienx ha jaqsam l-eroina ma' hu Christopher. Kif inghad, ftit tal-hin wara, hekk kif dahlet fil-facilita`, fuq il-persuna taghha, instabet il-borza bl-eroina, li skond ix-xhieda ta' WCO 28, kienet mohbija fil-parti taghha.

Illi f'dan il-kaz, m'hemmx dubju, illi l-eroina in kwistjoni kienet fil-pussess tal-imputata sabiex din tghaddiha lil Jason Zammit waqt il-vizita li hija kellha mieghu ftit tal-hin wara li hija nghatat l-istess droga. Ghalkemm fl-istqarrija taghha, l-imputata ma tghidx specifikatament illi hija kienet fil-fatt ser tghaddi d-droga eroina lil Zammit, dak li sehh wara li hija nghatat id-droga, juri proprju illi l-imputata kienet ser taghmel dak li gie mitlub minnha. Fil-fatt l-imputata dahlet gewwa l-habs ghall-vizita ma' Jason Zammit, bid-droga eroina mohbija fil-parti taghha. Jirrizulta car ghalhekk illi l-pussess tal-eroina da parti tal-imputata kien wiehed aggravat, fis-sens illi hija kellha fil-pussess taghha eroina li kienet intiza ghal terza persuna.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, imbaghad, ossia dik tat-traffikar tad-droga eroina, l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

*"Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, <u>li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-</u>*

*atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza."* [sottolinear mizjud]

Dan ifisser illi d-definizzjoni ta' traffikar fl-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tinkludi l-att ta' min joffri li jipprovdi d-droga. Ghalhekk bil-fatt biss illi l-imputata offriet li tipprovdi d-droga eroina lil Zammit, indipendentement minn dak li seta' gara jew ma garax wara dan u independentement ghalhekk minn kemm kellha success o meno f'dan ir-rigward, ghal fini tal-ligi, hija traffikat id-droga eroina. Kif inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta tat-12 ta' Ottubru 2001, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ronald Psaila**, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza fl-istess ismijiet tat-8 ta' Jannar 2002 (Appell Nru. 187/2001):

*"Minn din id-disposizzjoni tal-ligi johrog car li r-reat ta' Traffikar jikkonfigura anki jekk persuna* ***toffri*** *li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikata f'dan l-Artikolu. Fit-test ingliz, il-kelma "joffri" hija trodotta bil-kelma "offer". Issa stante li ma hemmx fl-Ordinanza definizzjoni ta' din il-kelma, allura ghall-finijiet ta' interpretazzjoni, din ghandha tittiehed fis-sinifikat ordinarju taghha, u cioe` li, spontaneament jew fuq rikjesta, direttament jew indirettament,* ***persuna turi****, bil-fatt jew bil-kliem, id-disponibilita` taghha li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikati.*

*In propositu huma interessanti l-osservazzjonijiet maghmula fil-Blackstone Criminal Practice 2001 – (11th Ed. B20.29) fuq l-interpretazzjoni tal-frasi "****Offering to Supply****" kontenuta fil-Misuse of Drugs Act 1971 s. 4. "****An offer may be made by words or conduct … Whether the accused intends to carry the offer into effect is irrelevant; the offence is complete upon the making of an offer to supply****" (vide kazistika indikata – pg. 776)."*

Kif imbaghad inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-istess ismijiet, fuq citata:

*"Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, appena l-appellant accetta li jaqdi lill-persuna li kienet cemplitlu immaterjalizza r-reat ta' traffikar fir-raza tal-cannabis u mhux, kif donnu qed jippretendi l-appellant, ir-reat ta' tentattiv ta' traffikar*".

Ghaldaqstant, a bazi tas-suespost, appena l-imputata accettat ir-rikjesta ta' Schembri illi hija tipprokura d-droga eroina moghtija lilha mill-istess Schembri, lil Zammit, appena tidhol il-habs, liema rikjesta l-imputata tant accettatha illi, fuq ammissjoni taghha stess, hija hadet l-eroina minghand Schembri, u sussegwentment instabet fil-pussess taghha ossia mohbija kif fuq inghad, hekk kif kienet diehla gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex izzur lil Zammit, independentement mill-fatt jekk l-imputata rnexxilhiex o meno li tipprokura din l-istess droga lill-istess Zammit, hija saret hatja ta' traffikar tad-droga eroina.

Ghal dawn il-motivi, a bazi tas-suespost, il-Qorti qed issib lill-imputat hatja wkoll tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, b'dan illi l-Qorti qed issib htija biss fir-rigward tat-22 ta' Ottubru 2004 u mhux ghar-rigward tal-ahhar erba' gimghat ta' qabel din id-data, ghaliex ma tirrizulta l-ebda prova mill-atti dwar dan l-ahhar perjodu msemmi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset fl-ewwel lok illi ghalkemm l-imputata baqghet ma rregistratx ammissjoni f'dawn il-proceduri, hija kkoperat mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha tant illi mix-xhieda tal-Ispettur Norbert Ciappara, jirrizulta illi hija kkonfermat l-istqarrija taghha bil-gurament u fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2013, l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara wkoll illi l-imputata ghandha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti

qeghda tnaqqas il-piena applikabbli bi grad in kwantu jirrigwarda l-piena ta' prigunerija u b'nofs in kwantu jirrigwarda l-piena pekunjarja.

Qieset ukoll illi wara x-xhieda ta' **Vicky Scicluna**, in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa,[9] fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2009, li qalet illi l-imputata kienet ilha *clean* mid-droga ghal tliet snin u nofs, mix-xhieda ta' **Jean Cali`**, in rapprezentanza tal-Agenzija Caritas tal-25 ta' Gunju 2012[10], jirrizulta illi dakinhar stess l-imputata kienet ser tibda programm residenzjali fi hdan l-istess Agenzija Caritas. Mix-xhieda tal-istess Jean Cali` tat-12 ta' Marzu 2014[11], imbaghad, jirrizulta illi l-imputata lestiet il-programm u gradwat minnu matul is-sena ta' qabel u ghalkemm ulied l-imputata kienu ttiehdu mill-kura u l-kustodja taghha, hija inghatat il-kura u l-kustjoda ta' binha, f'April 2014 kien ser jinghatalha lura iben iehor u f'Gunju 2014, kienet ser tinghatalha wkoll bintha. Skond l-istess xhud, l-imputata ghamlet progress kbir, kellha mpjieg fiss u l-kampjuni tal-urina li kienet qeghda thalli kull gimgha, kienu negattivi ghal sustanzi lleciti, apparti li baqghet tattendi gewwa l-Agenzija regolarment.

Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputata, mil-liema jirrizulta illi l-imputata nstabet hatja ta' pussess semplici ta' droga eroina (f'zewg okkazzjonijiet), tlajjar ghal skopijiet ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali (f'hames okkazzjonijiet) u reati bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku (f'okkazzjoni wahda). Qieset ukoll illi mill-istess fedina penali, jirrizulta illi l-ahhar reat li dwaru l-imputata nstabet hatja jirreferi ghal Novembru tas-sena 2011.

Qieset ukoll illi l-piz tat-trab in kwistjoni kien ta' 0.653 grammi, filwaqt illi l-purita` tal-istess trab ghad-droga eroina kienet ta' cirka 42%, kif ukoll il-gravita` tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata, b'mod partikolari li hawn si tratta ta' kaz fejn l-imputata dahhlet id-droga eroina gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghal skopijiet ta' traffikar. Min-naha l-ohra, il-Qorti tqis il-

[9] A fol. 25 *et seq* tal-process.
[10] A fol. 53 *et seq* tal-process.
[11] A fol. 87 *et seq* tal-process.

progress li ghamlet l-imputata miz-zmien tar-reati odjerni u li ma jkunx lanqas ta’ beneficcju ghas-socjeta` li hija tifforma parti minnha, illi dan il-progress jigi stultifikat.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll it-trapass taz-zmien minn meta sehh il-kaz odjern. Fil-waqt illi dan il-kaz jirrisali ghal Ottubru 2004, l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta jgib id-data tat-22 ta’ Settembru 2006, l-ewwel seduta giet mizmuma fi Frar 2008 u l-imputata giet notifikata ghall-ewwel darba fl-4 ta’ Marzu 2009. Veru wkoll illi l-imputata naqset milli tidher minkejja li giet notifikata f’erba’ okkazzjonijiet, f’seduta intiza ghall-provi tad-difiza ma sar xejn u f’zewg seduti ohrajn intizi ghat-trattazzjoni finali, l-imputata dehret sprovvista mill-avukat difensur u ghaldaqstant it-trattazzjoni ma setghetx issir, izda meta wiehed jikkunsidra illi gew mizmuma tnejn u ghoxrin seduta f’din il-kawza (apparti illi s-seduta ma nzammitx b’ordni tal-Qorti jew fuq talba tal-Ufficjal Prosekutur fi tlett okkazzjonijiet), ma jistax jinghad illi d-dewmien kien fil-maggor parti tieghu dovut ghal ragunijiet imputabbli lill-imputata.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti kkunsidrat ir-reati mertu tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet bhala mezz ghal fini sabiex seta’ jigi kommess ir-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, qed issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghal piena ta’ **seba’ (7) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta’ sitt mitt Euro (€600)** li, bl-applikazzjoni tal-

Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b’din is-sentenza u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jivverifika din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas din is-somma jew parti minnha fiz-zmien lilha preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Il-Qorti **m’hijiex** qeghda tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante illi fl-ewwel lok, in kwantu jirrigwarda l-ispejjez tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, l-istess espert kien gie nominat fl-istadju tal-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz u r-reati in kwistjoni sehhew qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tal-2005, li emenda l-imsemmi artikolu billi fost ohrajn gew inkluzi wkoll l-ispejjez konnessi mal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta u fit-tieni lok, in kwantu jirrigwarda l-ispejjez konnessi mal-espert mahtur f’dawn il-proceduri, ossia David Scicluna, lanqas ma saret talba ghall-hlas ta’ tali spejjez da parti tal-prosekuzzjoni, kif kienet trid il-ligi qabel l-emendi msemmija.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga, esebita flimkien mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi zmien hamest ijiem mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta’ nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta’ xi proceduri ohrajn kontra terzi, b’dan illi f’dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b’verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------